



Brussell, 24 ta' Settembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2020/0265(COD)

11053/20
ADD 1

EF 231
ECOFIN 849
CODEC 873
IA 63

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sur Jordi AYAT PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 593 final
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 593 final.

Mehmuż: Annessi tal- COM(2020) 593 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2020
COM(2020) 593 final

ANNEXES 1 to 6

ANNESSI

tal-

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937**

{SEC(2020) 306 final} - {SWD(2020) 380 final} - {SWD(2020) 381 final}

ANNESS I: White paper dwar il-kriptoassi għall-emittenti ta' kriptoassi – kontenut minimu

Parti A: Informazzjoni ġenerali dwar l-emittent

1. L-isem tal-emittent;
2. L-indirizz reġistrat;
3. Id-data ta' regiszrazzjoni;
4. L-identifikatur ta' entità ġuridika;
5. Fejn applikabbli, il-grupp ta' impriżi li jappartjeni għaliex l-emittent;
6. L-identità, l-indirizz u l-funzjonijiet tal-persuni li jappartjenu għall-korp maniġerjali tal-emittent;
7. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(5);
8. Kunflitti ta' interess potenzjali;
9. Dettalji tar-rekord finanzjarju tal-emittent għall-aħħar tliet snin jew fejn l-emittent ma jkunx ilu stabbilit tliet snin, ir-rekord finanzjarju tal-emittent mid-data tar-regiszrazzjoni tiegħu. Meta l-offerta tkun tikkonċerna tokens ta' utilità li jistgħu jiġu skambjati effettivament ma' prodott jew servizz mal-ħruġ, l-emittent għandu jkun eżentat minn dan ir-rekwiżit.

Parti B: Informazzjoni dwar il-proġett

1. L-isem tal-proġett jew tal-kriptoassi (jekk differenti mill-isem tal-emittent);
2. Id-dettalji tal-persuni fiżiċi jew tal-persuni ġuridiċi kollha (inklużi l-indirizzi u/jew id-domiċilju tal-kumpanija) involuti fl-implimentazzjoni tal-proġett, bħall-konsulent, it-tim tal-iżvilupp u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi;
3. Deskrizzjoni tar-raġunijiet għall-ħruġ tal-kriptoassi;
4. Meta l-offerta ta' kriptoassi lill-pubbliku tkun tikkonċerna tokens ta' utilità, il-karatteristiċi ewlenin tal-prodotti jew tas-servizzi żviluppati jew li se jiġu żviluppati;
5. Informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-proġett, inkluża deskrizzjoni tal-istadji importanti passati u futuri tal-proġett u, fejn applikabbli, ir-riżorsi digħi allokat għall-proġett;
6. Fejn applikabbli, informazzjoni dwar l-użu pjanat tal-fondi;
7. Ħlief għal tokens ta' utilità, il-kostijiet relatati mal-offerta ta' kriptoassi lill-pubbliku.

Parti C: Informazzjoni dwar l-offerta ta' kriptoassi lill-pubbliku jew l-ammissjoni tagħhom għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi

1. Indikazzjoni dwar jekk il-white paper tikkonċernax l-offerta ta' kriptoassi lill-pubbliku u/jew l-ammissjoni ta' kriptoassi għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi;
2. Fejn applikabbli, l-ammont li l-offerta għandha l-intenzjoni tiġġenera fi kwalunkwe munita ta' kors legali jew fi kwalunkwe kriptoassi ieħor. Fejn applikabbli, kwalunkwe soft cap (l-ammont minimu meħtieġ għat-twettiq tal-proġett) jew hard cap (l-ammont massimu tal-offerta lill-pubbliku) stabbilit għall-offerta ta' kriptoassi lill-pubbliku;

3. Il-prezz tal-ħruġ tal-kriptoassi offrut (f'munita ta' kors legali jew fi kwalunkwe kriptoassi ieħor);
4. Fejn applikabbli, in-numru totali ta' kriptoassi li se jiġu offruti u/jew ammessi għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi;
5. Indikazzjoni tad-detenturi/xerrejja li l-offerta ta' kriptoassi lill-pubbliku u/jew l-ammissjoni ta' tali kriptoassi għal negozjar timmira lejh, inkluża kwalunkwe restrizzjoni rigward it-tip ta' xerrejja jew detenturi ta' tali kriptoassi;
6. Avviż speċifiku li x-xerrejja li jipparteċipaw fl-offerta lill-pubbliku ta' kriptoassi sejkun jistgħu jieħdu l-kontribuzzjoni tagħhom lura jekk is-soft cap (l-ammont minimu meħtieġ biex jitwettaq il-proġett) ma jintlaħaqx meta tintemm l-offerta lill-pubbliku jew jekk l-offerta tiġi kkanċellata u deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmu ta' rifużjoni, inkluża l-iskeda ta' żmien mistennija ta' meta se jitlestew dawn irrifużjonijiet;
7. Informazzjoni dwar id-diversi perjodi tal-offerta ta' kriptoassi, inkluża informazzjoni dwar il-prezz tax-xiri mraħħas għal xerrejja bikrija ta' kriptoassi (bejgħ prepubbliku);
8. Għall-offerti b'limitu ta' żmien, il-perjodu li matulu l-offerta lill-pubbliku tkun miftuħa u l-arranġamenti għas-salvagwardja ta' fondi jew kriptoassi oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 9;
9. Il-metodi ta' ħlas għax-xiri tal-kriptoassi offruti;
10. Għall-kriptoassi, ħlief it-tokens irreferenzjati ma' assi jew it-tokens tal-flus elettroniċi, l-informazzjoni dwar id-dritt tal-irtirar kif imsemmi fl-Artikolu 12;
11. Informazzjoni dwar il-mod u l-iskeda taż-żmien tat-trasferiment tal-kriptoassi mixtri ja lid-detenturi;
12. Fejn applikabbli, l-isem tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi inkarigat mit-tqegħid tal-kriptoassi u l-forma ta' tali tqegħid (garantit jew le);
13. Fejn applikabbli, l-isem tal-pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi fejn qed tintalab l-ammissjoni għan-negozjar;
14. Il-liġi applikabbli għall-offerta lill-pubbliku ta' kriptoassi, kif ukoll il-qrat kompetenti.

Parti D: Id-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-kriptoassi

1. Id-dikjarazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 5(6);
2. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi u tal-funzjonalità tal-kriptoassi li qed jiġu offruti jew ammessi għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi, inkluża informazzjoni dwar meta huma ppjanati li japplikaw l-funzjonalitajiet;
3. Deskrizzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi (jekk hemm) li x-xernej huwa intitolat għalihom, u l-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet;
4. Fejn applikabbli, informazzjoni dwar l-offerti futuri ta' kriptoassi mill-emittent u n-numru ta' kriptoassi miżmuma mill-emittent innifs;
5. Meta l-offerta ta' kriptoassi jew l-ammissjoni għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi tikkonċerna tokens ta' utilità, l-informazzjoni dwar il-kwalità u l-kwantità ta' prodotti u/jew servizzi li t-tokens ta' utilità jagħtu aċċess għalihom;

6. Meta l-offerti ta' kriptoassi lill-pubbliku jew l-ammissjoni għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi jikkonċernaw tokens ta' utilità, l-informazzjoni dwar kif tokens ta' utilità jistgħu jinfidew bi prodotti jew b'servizzi li huma relatati magħhom;
7. Meta ma tintalabx ammissjoni għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi, informazzjoni dwar kif u fejn il-kriptoassi jistgħu jiġi akkwistati jew mibjugħha wara l-offerta lill-pubbliku;
8. Kwalunkwe restrizzjoni fuq it-trasferibbiltà libera tal-kriptoassi li qed jiġi offruti jew ammessi għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi;
9. Meta l-kriptoassi jgħidu li se jżommu valur stabbli permezz ta' protokolli għaż-żieda jew għat-tnejja tħalli tagħha b'reazzjoni għal bidliet fid-domanda, deskrizzjoni tal-funzjonament ta' tali protokolli.

Parti E: Informazzjoni dwar it-teknoloġija sottostanti

1. Informazzjoni dwar it-teknoloġija użata, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit, il-protokolli u l-istandardi tekniċi użati;
2. Deskrizzjoni tal-interoperabbiltà tal-protokoll sottostanti ma' protokolli oħra;
3. L-algoritmu tal-kunsens, fejn applikabbli;
4. Mekkaniżmi ta' incenzi biex jiġi żgurati t-tranżazzjonijiet u kwalunkwe tariffa applikabbli;
5. Meta l-kriptoassi jinħarġu, jiġi ttrasferiti u jinħażnu f'registro distribwit operat mill-emittent jew minn parti terza li taġixxi f'ismu, deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonament ta' dan ir-reġistru distribwit;
6. Informazzjoni dwar ir-riżultat tal-awditu tat-teknoloġija użata (jekk ikun hemm).

Parti F: Riskji

1. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mal-emittent tal-kriptoassi;
2. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mal-offerta ta' kriptoassi u/jew mal-ammissjoni għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar għall-kriptoassi;
3. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mal-kriptoassi;
4. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mal-implimentazzjoni tal-proġett;
5. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mat-teknoloġija użata kif ukoll tal-miżuri ta' mitigazzjoni (jekk ikun hemm).

Anness II: Informazzjoni addizzjonalî dwar il-white papers dwar il-kriptoassi għall-emittenti tat-tokens irreferenzjati ma' assi

Parti A: Informazzjoni ġenerali dwar l-emittent:

1. Deskrizzjoni dettaljata tal-governanza tal-emittent;
2. Ħlief għall-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi li huma eżentati mill-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15(3), dettalji dwar l-awtorizzazzjoni bħala emittent ta' tokens irreferenzjati ma' assi u l-isem tal-awtorità kompetenti li tat-l-awtorizzazzjoni.

Parti B: Informazzjoni dwar il-proġett

1. Deskrizzjoni tar-rwol, tar-responsabbiltajiet u tal-akkontabilità ta' kwalunkwe entità parti terza msemmija fl-Artikolu 30(5)(h).

Parti D: Id-drittijiet u l-obbligi marbuta mal-kriptoassi

1. Informazzjoni dwar in-natura u l-infurzabbiltà tad-drittijiet, inkluż id-dritt ta' fidi dirett u kwalunkwe pretensjoni li d-detenturi u kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika kif imsemmi fl-Artikolu 35(3), jista' jkollhom fuq l-assi ta' riżerva jew kontra l-emittent, inkluż dwar kif tali drittijiet jistgħu jiġu ttrattati f'każ ta' proċeduri ta' insolvenza;
2. Fejn applikabbi, id-dikjarazzjoni kif imsemmi fl-aħħar subparagraphu tal-Artikolu 17(1);
3. Fejn applikabbi, informazzjoni dwar l-arranġamenti stabbiliti mill-emittent biex tīgħi żgurata l-likwidità tat-tokens irreferenzjati ma' assi, inkluż l-isem tal-entitajiet inkarigati mill-iżgħurar ta' tali likwidità;
4. Deskrizzjoni tal-proċedura għat-trattament tal-ilmenti u kwalunkwe mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim jew proċedura ta' rimedju stabbilita mill-emittent tat-tokens irreferenzjati ma' assi.

Parti F: Riskji

1. Riskji relatati mal-valur tal-assi ta' riżerva, inklużi r-riskji ta' likwidità;
2. Riskji relatati mal-kustodja tal-assi ta' riżerva;
3. Riskji relatati mal-investiment tal-assi ta' riżerva;

Parti G: Riżerva ta' assi

1. Deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmu li għandu l-ġhan li jistabbilizza l-valur tat-tokens irreferenzjati ma' assi, inklużi l-aspetti legali u tekniċi;
2. Deskrizzjoni dettaljata tal-assi ta' riżerva u l-kompożizzjoni tagħhom;
3. Deskrizzjoni tal-mekkaniżmi li permezz tagħhom jinħarġu, jinħolqu u jinquerdu t-tokens irreferenzjati ma' assi;
4. Informazzjoni dwar jekk parti mill-assi ta' riżerva humiex investi u fejn applikabbi, deskrizzjoni tal-politika ta' investiment għall-assi ta' riżerva;
5. Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' kustodja għall-assi ta' riżerva, inkluża s-segregazzjoni tal-assi, l-isem tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi maħturin bħala kustodji.

Anness III: White paper applikabbi għall-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi – kontenut minimu

Parti A: Informazzjoni ġenerali dwar l-emittent

1. L-isem tal-emittent;
2. L-indirizz reġistrat;
3. Id-data tar-reġistrazzjoni;
4. L-identifikatur tal-entità ġuridika;
5. Fejn applikabbi, il-grupp ta' impriżi li jappartjeni għaliex l-emittent;
6. L-identità, l-indirizz u l-funzjonijiet tal-persuni li jappartjenu għall-korp maniġerjali tal-emittent;
7. Id-dikjarazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46(4);
8. Kunflitti ta' interess potenzjali;
9. Dettalji tar-rekord finanzjarju tal-emittent għall-aħħar tliet snin jew fejn l-emittent ma jkunx ilu stabbilit tliet snin, ir-rekord finanzjarju tal-emittent mid-data tar-reġistrazzjoni tiegħu.
- 10.** Ħlief għall-emittenti tal-flus elettroniċi li huma eżentati mill-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 43(2), dettalji dwar l-awtorizzazzjoni bħala emittent ta' tokens tal-flus elettroniċi u l-isem tal-awtoritā kompetenti li tat l-awtorizzazzjoni.

Parti B: Informazzjoni dwar il-proġett

1. Id-dettalji tal-persuni fizċi jew ġuridiċi kollha (inklużi l-indirizzi u/jew id-domiċilju tal-kumpanija) involuti fid-disinn u fl-iżvilupp, bħal konsulenti, it-tim tal-iżvilupp u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi;

Parti C: Informazzjoni dwar l-offerta ta' tokens tal-flus elettroniċi lill-pubbliku jew dwar l-ammissjoni tagħhom għan-negożju

1. Indikazzjoni dwar jekk il-white paper tikkonċernax offerta ta' tokens tal-flus elettroniċi lill-pubbliku ġenerali u/jew l-ammissjoni tagħhom għall-kummerċ fi pjattaforma tal-kummerċ għall-kriptoassi;
2. Fejn applikabbi, in-numru totali ta' tokens tal-flus elettroniċi li għandhom jiġu offruti lill-pubbliku u/jew ammessi għan-negożjar fuq pjattaforma ta' negożjar għall-kriptoassi;
3. Fejn applikabbi, l-isem tal-pjattaforma ta' negożjar għall-kriptoassi fejn tkun qed tintalab l-ammissjoni għan-negożjar ta' tokens tal-flus elettroniċi.
4. Il-liġi applikabbi għall-offerta ta' tokens tal-flus elettroniċi lill-pubbliku, kif ukoll il-qrat kompetenti.

Parti D: Id-drittijiet u l-obbligli relatati mat-tokens tal-flus elettroniċi

1. Deskrizzjoni dettaljata tad-drittijiet u tal-obbligli (jekk ikun hemm) li d-detentur tal-flus elettroniċi huwa intitolat għalihom, inkluż id-dritt ta' fidi b'paritā monetarja kif ukoll il-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet;

2. Kwalunkwe tariffa relatata applikata mill-emittent ta' tokens tal-flus elettroniċi meta d-dritt ta' fidi b'parità monetarja jkun eżerċitat mid-detentur ta' tokens tal-flus elettroniċi;

Parti E: Informazzjoni dwar it-teknoloġija sottostanti

1. Informazzjoni dwar it-teknoloġija użata, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit, il-protokolli u l-istandardi tekniċi użati, li jippermettu ż-żamma, il-ħażin u t-trasferiment ta' tokens ta' flus elettroniċi bħal dawn;
2. Deskrizzjoni tal-interoperabbiltà tal-protokoll sottostanti ma' protokolli oħra;
3. L-algoritmu tal-kunsens, fejn applikabbli;
4. Mekkaniżmi ta' incēntivi biex jiġu żgurati t-tranżazzjonijiet u kwalunkwe tariffa applikabbli;
5. Meta l-kriptoassi jinħarġu, jiġu ttrasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit li jiġi operat mill-emittent jew minn parti terza li taġixxi f'ismu, deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonament ta' dan ir-reġistru distribwit;
6. Informazzjoni dwar ir-riżultat tal-awditu tat-teknoloġija użata (jekk ikun hemm);

Parti F: Riskji

1. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mal-emittent ta' tokens tal-flus elettroniċi;
2. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mat-tokens tal-flus elettroniċi;
3. Deskrizzjoni tar-riskji assoċjati mat-teknoloġija użata kif ukoll tal-miżuri ta' mitigazzjoni (jekk ikun hemm).

Anness IV – Rekwiżiti kapitali minimi għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi

Fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi	Tip ta' servizzi tal-kriptoassi	Rekwiżiti kapitali minimi skont l-Artikolu (1)(a)
Klassi 1	Fornitur tas-servizzi tal-kriptoassi awtorizzat għas-servizzi tal-kriptoassi li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> – ir-riċeviment u t-trażmissjoni ta' ordnijiet f'isem partijiet terzi; u/jew – l-għoti ta' pariri dwar il-kriptoassi; u/jew – l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem partijiet terzi; u/jew – it-tqegħid ta' kriptoassi. 	EUR 50 000
Klassi 2	Fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzat għal kwalunkwe servizz tal-kriptoassi fil-Klassi 1 u:	EUR 125 000

	<ul style="list-style-type: none"> – il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' kriptoassi f'isem partijiet terzi. 	
Klassi 3	<p>Fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzat għal kwalunkwe servizz tal-kriptoassi fil-Klassi 2 u:</p> <ul style="list-style-type: none"> – l-iskambju ta' kriptoassi għal munita ta' kors legali li tkun munita legali; – l-iskambju ta' kriptoassi ma' kriptoassi oħrajn; – l-operat ta' pjattaforma ta' negozjar għall-kriptoassi. 	EUR 150 000

Anness V – Lista ta’ ksur imsemmi fit-Titolu III u fit-Titolu VI għall-emittenti ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti

1. L-emittent jikser l-Artikolu 21 jekk ma jinnotifikax lill-EBA dwar kwalunkwe bidla fil-mudell tan-negożju tiegħu li x’aktarx ikollha influwenza sinifikanti fuq id-deċiżjoni dwar ix-xiri, ta’ kwalunkwe detentur attwali jew potenzjali ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti, jew jekk ma jiddeskrivix tali bidla f’white paper dwar il-kriptoassi.
2. L-emittent jikser l-Artikolu 21 jekk ma jikkonformax ma’ miżura mitluba mill-EBA skont l-Artikolu 21(3).
3. L-emittent jikser l-Artikolu 23(1)(a) jekk ma jaġixxix b’mod onest, ġust u professjonali.
4. L-emittent jikser l-Artikolu 23(1)(b) jekk ma jikkomunikawx ma’ detenturi ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti b’mod ġust, ċar u mhux qarrieqi.
5. L-emittent jikser l-Artikolu 23(2) jekk ma jaġixxix fl-aħjar interassi tad-detenturi ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti, jew jekk jaġhti trattament preferenzjali lil detenturi spċifici liema trattament ma jiġix żvelat fil-white paper tal-emittent.
6. L-emittent jikser l-Artikolu 24, jekk fuq is-sit web tiegħu ma jippubblikax il-white paper dwar il-kriptoassi approvata tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) u, fejn applikabbli, il-white paper dwar il-kriptoassi modifikata tiegħu msemmija fl-Artikolu 21 u l-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni tiegħu msemmija fl-Artikolu 25.
7. L-emittent jikser l-Artikolu 24 jekk ma jagħmilx il-white papers aċċessibbli għall-pubbliku qabel id-data ta’ bidu tal-offerta tat-tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti lill-pubbliku jew tal-ammissjoni ta’ dawk it-tokens għan-negożjar fi pjattaforma ta’ negożjar għall-ktiptoassi.
8. L-emittent jikser l-Artikolu 24 jekk ma jagħmilx il-white paper dwar il-kriptoassi u l-komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni disponibbli tul iż-żmien kollu li t-tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti jkunu miżmuma mill-pubbliku.
9. L-emittent jikser l-Artikolu 25(1) jekk jippubblika komunikazzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni, relatati ma’ offerta ta’ tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti lill-pubbliku, jew mal-ammissjoni ta’ tali tokens irreferenzjati ma’ assi sinifikanti għan-negożjar fi pjattaforma ta’ negożjar għall-ktiptoassi, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25(1)(a) sa (d);

10. Fl-assenza ta' pretensjoni diretta jew ta' dritt ta' fidi mogħtija lid-detenturi kollha tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, l-emittent jikser l-Artikolu 25(2) jekk fil-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tiegħu ma jinkludix dikjarazzjoni ċara u mhux ambigwa li d-detenturi ta' tali tokens ma għandhomx pretensjoni fuq l-assi ta' riżerva jew li ma jistgħux jifdu dawn it-tokens mal-emittent fi kwalunkwe ħin;
11. L-emittent jikser l-Artikolu 26(1) jekk ma jiżvelax tal-anqas kull xahar u/jew b'mod ċar, preċiż u trasparenti fuq is-sit web tiegħu l-ammont ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti fiċ-ċirkolazzjoni u l-valur u l-kompożizzjoni tal-assi ta' riżerva msemmija fl-Artikolu 32.
12. L-emittent jikser l-Artikolu 26(2) jekk ma jiżvelax malajr kemm jista' jkun u/jew b'mod ċar, preċiż u trasparenti fuq is-sit web tiegħu l-eżitu tal-awditu tal-assi ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 32.
13. L-emittent jikser l-Artikolu 26(3) jekk ma jiżvelax b'mod ċar, preċiż u trasparenti malajr kemm jista' jkun kwalunkwe avveniment li jkollu jew li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq il-valur tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jew fuq l-assi ta' riżerva.
14. L-emittent jikser l-Artikolu 27(1) jekk ma jistabbilixx u/jew ma jżommx proċeduri effettivi u trasparenti għat-trattament immedja, ġust u konsistenti tal-ilmenti rċevuti minn dettenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, jew jekk ma jistabbilixx proċeduri li jiffaċilitaw it-trattament tal-ilmenti bejn id-detenturi u l-entitajiet parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 30(5)(h).
15. L-emittent jikser l-Artikolu 27(2), jekk ma jippermettix lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jressqu ilmenti mingħajr ħlas.
16. L-emittent jikser l-Artikolu 27(3), jekk ma jiżviluppx u/jew ma jagħmilx disponibbli għad-dettenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti formula biex iressqu l-ilmenti u/jew jekk ma jżommx rekord tal-ilmenti kollha li jaslu u ta' kwalunkwe miżura meħuda b'rispons għall-dawk l-ilmenti.
17. L-emittent jikser l-Artikolu 27(4), jekk ma jinvestigax l-ilmenti kollha fil-ħin u b'mod ġust u/jew, jekk ma jikkomunikax ir-riżultat ta' tali investigazzjonijiet lid-detenturi tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti tiegħu f'perjodu ta' żmien ragħonevoli.
18. L-emittent jikser l-Artikolu 28(1), jekk ma jżommx u ma jimplimentax politiki u proċeduri effettivi biex jipprevjenu, jidentifikaw, jimmaniġġaw u jiżvelaw il-kunflitti ta' interess bejn l-emittent innifsu u l-azzjonisti tiegħu, il-membri tal-korp

maniġerjali tiegħu, l-impiegati tiegħu, kwalunkwe persuna fiżika li jkollha s-sjieda, diretta jew indiretta ta' aktar minn 20 % tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot tal-emittent, jew li jeżerċitaw, bi kwalunkwe mezz ieħor, setgħa ta' kontroll fuq l-emittent imsemmi, id-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinfikanti, u kwalunkwe parti terza li tipprovdi waħda mill-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30(5)(h), jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika bi pretensjoni diretta jew dritt ta' fidi skont l-Artikolu 35(3).

19. L-emittent jikser l-Artikolu 28(1) jekk ma jkunx ħa l-passi kollha xierqa biex jiġi prevjeni, jidentifika, jiġġestixxi u jiżvela l-kunflitti ta' interessa li jirriżultaw mill-ġestjoni u mill-investiment tal-assi ta' riżerva.
20. L-emittent jikser l-Artikolu 28(2) sa (4) jekk ma jiżvelax lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinfikanti n-natura ġenerali u s-sorsi tal-kunflitti ta' interessa u l-passi meħuda biex jimmittaw dawk ir-riskji, jew jekk ma jagħmilx din id-divulgazzjoni fuq mezz durabbli, jew jekk ma jkunx preċiż bizzżejjed fid-divulgazzjoni biex jippermetti lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinfikanti jieħdu deċiżjoni infurmata dwar ix-xiri ta' tali tokens.
21. L-emittent jikser l-Artikolu 29, jekk ma jinnotifikax lill-EBA bi kwalunkwe bidla fil-korp maniġerjali tiegħu.
22. L-emittent jikser l-Artikolu 30(1) jekk ma jkollux arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabilità ddefiniti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li għalihom ikun jew jaista' jkun espost, u proċessi adegwati ta' kontroll intern, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi tajba;
23. L-emittent jikser l-Artikolu 30(2) jekk ikollu membri tal-korp maniġerjali tiegħu li ma jkollhomx reputazzjoni tajba u l-kompetenza meħtieġa, f'termini ta' kwalifikasi, esperienza u ħiliet, biex iwettqu dmiri jieħi jew biex jiżguraw il-ġestjoni tajba u prudenti tal-emittent.
24. L-emittent jikser l-Artikolu 30(5) jekk ma jadottax politiki u politiki ta' proċedura li ma jkunux effettivi bizzżejjed biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża l-konformità tal-maniġers u tal-impiegati tiegħu mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan it-Titolu, inkluż jekk ma jistabbilixx, ma jżommx u ma jimplimentax xi waħda mill-politiki u mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 30(5)(a) sa (k);
25. L-emittent jikser l-Artikolu 30(5) jekk ma jistabbilixx u ma jżommx arranġamenti kuntrattwali ma' entitajiet parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 30(5)(h) li jistabbilixxu b'mod preċiż ir-rwoli, ir-responsabbiltajiet, id-drittijiet u l-obbligi ta' kull waħda

mill-entitajiet parti terza u tal-emittent, jew jekk jiprovdi għażla mhux ambigwa tal-liġi għal tali kuntratti b'implikazzjonijiet transguriżdizzjoni.

26. Sakemm ma jkunx beda pjan kif imsemmi fl-Artikolu 42, l-emittent jikser l-Artikolu 30(6), jekk ma jużax sistemi, riżorsi jew proċeduri xierqa u proporzjonati biex jiżgura l-prestazzjoni kontinwa u regolari tas-servizzi u tal-attivitajiet tiegħu, jew jekk ma jżommx is-sistemi u l-protokolli ta' aċċess ta' sigurtà kollha tiegħu skont standards xierqa tal-Unjoni.
27. L-emittent jikser l-Artikolu 30(7) jekk ma jid-identifikax is-sorsi ta' riskju operazzjonali jew jekk ma jimminimizzax dawk ir-riskji permezz tal-iżvilupp ta' sistemi, kontrolli u proċeduri xierqa;
28. L-emittent jikser l-Artikolu 30(8) jekk ma jistabbilixx politika ta' kontinwità tan-neozju li, f'każ ta' interruzzjoni tas-sistemi u tal-proċeduri tiegħu, tiżgura l-preservazzjoni tad-data u tal-funzjonijiet essenzjali u ż-żamma tal-attivitajiet tiegħu, jew fejn dan ma jkunx possibbli, l-irkupru f'waqtu ta' tali data u funzjonijiet u l-issoċċar fwaqtu tal-attivitajiet tiegħu.
29. Sakemm ma jkunx ingħata permess li jżomm ammont aktar baxx ta' fondi proprii skont l-Artikolu 31(3), l-emittent jikser l-Artikolu 31(1)(a) jew 41(4) jekk ma jikkonformax, il-ħin kollu mar-rekwiżit ta' fondi proprii.
30. L-emittent jikser l-Artikolu 31(2) meta l-fondi proprii tiegħu ma jkunux jikkonsistu mill-entrati u mill-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwitā komuni msemmija fl-Artikoli 26 sa 30 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara t-tnaqqis sħiħ, skont l-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, mingħajr l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet tal-livell limitu msemmija fl-Artikoli 46 u 48 ta' dak ir-Regolament.
31. L-emittent jikser l-Artikolu 31(3) jekk ma jikkonformax mal-fondi proprii meħtieġa mill-awtorità kompetenti, wara l-valutazzjoni li ssir skont dak l-Artikolu 31(3).
32. L-emittent jikser l-Artikolu 32(1) jekk ma jikkostitwixx u ma jżommx riżerva ta' assi f'kull ħin.
33. L-emittent jikser l-Artikolu 32(3) meta l-korp maniġerjali tiegħu ma jiżgurax ġestjoni effettiva u prudenti tal-assi ta' riżerva.
34. L-emittent jikser l-Artikolu 32(3) jekk ma jiżgurax li l-ħolqien u l-qedda ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti dejjem jiġu pariġġati b'żieda jew tnaqqis korrispondenti fl-assi ta' riżerva u li tali żieda jew tnaqqis jiġu ġestiti b'mod adegwat biex jiġi evitat kwalunkwe impatt ħażin fuq is-suq tal-assi ta' riżerva.

35. L-emittent jikser l-Artikolu 32(4), jekk ma jkollux politiki ċari u/jew dettaljati dwar il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni ta' tali tokens li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabiliti fl-Artikolu 32(4)(a) sa (g).
36. L-emittent jikser l-Artikolu 32(5) jekk ma jordnax awditu indipendenti tal-assi ta' riżerva kull sitt xhur, mid-data tal-awtorizzazzjoni tiegħu.
37. L-emittent jikser l-Artikolu 33(1) jekk ma jistabbilixx, ma jżommx jew ma jimplimentax politiki, proċeduri u arranġamenti kuntrattwali ta' kustodja li jiżguraw li l-kundizzjonijiet elenkti fl-Artikolu 33(1)(a) sa (d) ikunu ssodisfati il-ħin kollu.
38. L-emittent jikser l-Artikolu 33(1) jekk ma jkollux politika ta' kustodja għal kull riżerva ta' assi li jimmaniġġa.
39. L-emittent jikser l-Artikolu 33(2) meta l-assi ta' riżerva ma jinżammux f'kustodja minn fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jew minn istituzzjoni ta' kreditu sa mhux aktar tard minn ġamet ijiem ta' negozju wara l-ħruġ tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
40. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jeżerċitax il-ħila, il-kura u d-diliġenza kollha dovuti fl-ġħażla, fil-ħatra u fir-rieżami tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi maħturin bħala kustodji tal-assi ta' riżerva.
41. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jiżgurax li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi maħturin bħala kustodji tal-assi ta' riżerva jkollhom l-għarfien espert u r-reputazzjoni tas-suq meħtieġa biex jaġixxu bħala kustodji ta' tali assi ta' riżerva.
42. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jkollux arranġamenti kuntrattwali mal-kustodji li jiżguraw li l-assi ta' riżerva miżmuma f'kustodja jkunu protetti kontra l-pretensionijiet tal-kredituri tal-kustodji.
43. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jkollux politiki u proċeduri ta' kustodja li jistabbilixx l-kriterji tal-ġħażla għall-ħatriet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi bħala kustodji tal-assi ta' riżerva u/jew jekk ma jkollux il-proċedura għar-rieżami ta' dawn il-ħatriet.
44. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jirrieżaminax il-ħatra ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi bħala kustodji tal-assi ta' riżerva fuq bażi regolari, u/jew, jekk ma jevalwax l-iskoperturi tiegħu għal kustodji bħal dawn,

u/jew jekk ma jimmonitorjax il-kundizzjonijiet finanzjarji ta' tali kustodji fuq bażi kontinwa.

45. L-emittent jikser l-Artikolu 33(4) meta l-assi ta' riżerva ma jkunux fdati lil istituzzjonijiet ta' kreditu jew lil fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 33(4)(a) sa (d).
46. L-emittent jikser l-Artikolu 33(5) meta l-ħatra ta' kustodju ma tkunx ippruvata b'kuntratt bil-miktub, jew jekk tali kuntratt ma jirregolax il-fluss ta' informazzjoni meqjusa neċċesarja biex tippermetti lill-emittenti, lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jwettqu l-funzjonijiet tagħhom.
47. L-emittent jikser l-Artikolu 34(1) jekk jinvesti l-assi ta' riżerva fi kwalunkwe prodott li mhuwiex strument finanzjarju likwidu ħafna b'riskju minimu tas-suq u ta' kreditu jew meta tali investiment ma jkunx jista' jiġi likwidat rapidament b'effett minimu fuq il-prezz.
48. L-emittent jikser l-Artikolu 34(2) jekk ma jżommx f'kustodja l-strumenti finanzjarji li fihom jinżammu l-assi ta' riżerva.
49. L-emittent jikser l-Artikolu 34(3) jekk ma jgħorr il-profitti u t-telf kollha li jirriżultaw mill-investiment tal-assi ta' riżerva.
50. L-emittent jikser l-Artikolu 35(1), jekk ma jistabbilixx, ma jżommx u ma jimplimentax politiki u proċeduri ċari u dettaljati dwar id-drittijiet mogħtija lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
51. Meta d-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jingħataw drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1), l-emittent jikser l-Artikolu 35(2) jekk ma jistabbilixx politika li tissodisfa l-kundizzjonijiet elenkti fl-Artikolu 35(2)(a) sa (e).
52. Meta d-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jingħataw drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1), l-emittent jikser l-Artikolu 35(2), jekk ma jipprevedix tariffi li huma proporzjonati u komparabbi mal-kostijiet reali mġarrba mill-emittenti ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
53. Meta l-emittent ma jagħtix drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) lid-detenturi kollha ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, dak l-emittent jikser l-Artikolu 35(3) jekk ma jistabbilixx politika li tispeċifika l-persuni fizċi jew ġuridiċi li jingħataw dawn id-drittijiet, jew jekk ma jispeċifikax il-kundizzjonijiet għall-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet, jew l-obbligi imposti fuq dawk il-persuni.

54. Meta l-emittent ma jagħtix drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) lid-detenturi kollha ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, dak l-emittent jikser l-Artikolu 35(3) jekk ma jistabbilixxix jew ma jżommx arranġamenti kuntrattwali xierqa ma' dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jingħataw dawn id-drittijiet, jew jekk ma jkollux arranġamenti kuntrattwali li jistabbilixxu r-rwoli, ir-responsabbiltajiet, id-drittijiet u l-obbligi tal-emittenti u ta' kull waħda minn dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew jekk ma jkollux għażla bla ambigwità tal-līgi għal tali arranġamenti kuntrattwali b'implikazzjonijiet transfruntiera.
55. Meta l-emittent ma jagħtix drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) lid-detenturi kollha ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, dan l-emittent jikser l-Artikolu 35(4) jekk ma jistabbilixxix mekkaniżmu li jiżgura l-likwiditā tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
56. Meta l-emittent ma jagħtix drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) lid-detenturi kollha ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, dan l-emittent jikser l-Artikolu 35(4) jekk ma jistabbilixxix jew ma jżommx ftehimiet bil-miktub ma' forniture ta' servizzi tal-kriptoassi, jew jekk ma jiżgurax li jkun meħtieġ għadd suffiċjenti ta' forniture ta' servizzi tal-kriptoassi li jagħmlu kwotazzjonijiet vinkolanti bi prezziżżejjet kompetittivi fuq bażi regolari u prevedibbli.
57. Meta l-emittent ma jagħtix drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) lid-detenturi kollha ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, dan l-emittent jikser l-Artikolu 35(4) jekk ma jiżgurax il-fidi dirett ta' tali tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti fil-każ ta' varjazzjoni sinifikanti fil-valur tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jew tal-assi ta' riżerva, jew jekk ma japplikax tariffi li jkunu proporzjonati u komparabbi mal-kostijiet reali mġarrba għal tali fidi.
58. Meta l-emittent ma jagħtix drittijiet kif imsemmi fl-Artikolu 35(1) lid-detenturi kollha ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, tali emittent jikser l-Artikolu 35(4) jekk ma jistabbilixxix u ma jżommx arranġamenti kuntrattwali biex jiżgura li r-rikavati mill-assi ta' riżerva jitħallsu lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, meta l-emittent jiddeċiedi li jieqaf jopera jew meta jkun tqiegħed taħt stralċ ornat, jew meta l-awtorizzazzjoni tiegħu tkun ġiet irtirata.
59. L-emittent jikser l-Artikolu 36 jekk jagħti interassi jew beneficijji oħra relatati mat-tul ta' żmien li matulu detentur ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jżomm tali tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
60. L-emittent jikser l-Artikolu 41(1) jekk ma jadottax, ma jimplimentax jew ma jżomm fis-seħħi politika tar-remunerazzjoni li tippromwovi ġestjoni tar-riskju soda u effettiva ta' tali emittenti u li ma toħloqx incenġivi biex jitnaqqsu l-istandards tar-riskji.
61. L-emittent jikser l-Artikolu 41(2) jekk ma jiżgurax li t-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti tiegħu jkunu jistgħu jinżammu f'kustodja minn forniture differenti ta'

servizzi tal-kriptoassi awtorizzati għas-servizz imsemmi fl-Artikolu 3(1)(10), fuq bażi ġusta, raġonevoli u nondiskriminatorja.

62. L-emittent jikser l-Artikolu 41(2) jekk ma jivvalutax jew ma jimmonitorjax il-ħtiġijiet ta' likwiditā biex jissodisfa t-talbiet għal fidi jew l-eżerċitar tad-drittijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 36, mid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
63. L-emittent jikser l-Artikolu 41(3) jekk ma jistabbilixx, ma jżommx jew ma jimplimentax politika u proċeduri ta' ġestjoni tal-likwiditā jew jekk ma jkollux politika u proċeduri li jiżguraw li l-assi ta' riżerva jkollhom profil ta' likwiditā reżiljenti li jippermetti lill-emittent ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jkompli jopera b'mod normali, inkluż taħt xenarji ta' stress ta' likwiditā.
64. L-emittent jikser l-Artikolu 42(1) jekk ma jkollux stabbilit pjan li jkun xieraq biex jappoġġa stralċ ordnat tal-attivitàajiet tiegħu skont il-liġi nazzjonali applikabbi, jew jekk ma jkollux pjan li juri l-kapaċità tal-emittent ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti li jwettaq stralċ ordnat mingħajr ma jikkawża ħsara ekonomika indebita lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jew lill-istabbiltà tas-swieq tal-assi ta' riżerva.
65. L-emittent jikser l-Artikolu 42(2) jekk ma jkollux pjan li jinkludi arranġamenti, proċeduri jew sistemi kuntrattwali li jiżguraw li r-rikavati mill-bejgħ tal-assi ta' riżerva li jifdal jitħallsu lid-detenturi tat-tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti.
66. L-emittent jikser l-Artikolu 42(2) jekk ma jirrieżaminax jew ma jaġġornax il-pjan b'mod regolari.
67. Ħlief jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 77(2) ikunu ssodisfati, l-emittent jikser l-Artikolu 77(1) jekk ma jinfurmax lill-pubblika mill-aktar fis possibbli dwar informazzjoni privileġġata li tikkonċerna lil dak l-emittent, b'mod li jippermetti aċċess faċili u mifrux għal dik l-informazzjoni u l-valutazzjoni sħiħa, korretta u f'waqtha tagħha mill-pubblika.

Anness VI: Lista tal-ksur imsemmi fit-Titolu III għall-emittenti ta' tokens irreferenziati ma' assi sinifikanti

1. L-emittent jikser l-Artikolu 33(1) jekk ma jistabbilxxix, ma jżommx jew ma jimplimentax politiki ta' kustodja, proċeduri u arranġamenti kuntrattwali li jiżguraw li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 33(1)(a) sa (d) ikunu ssodisfati l-ħin kollu.
2. L-emittent jikser l-Artikolu 33(1) jekk ma jkollux politika ta' kustodja għal kull riżerva ta' assi li jimmaniġġa.
3. L-emittent jikser l-Artikolu 33(2) meta l-assi ta' riżerva ma jkunux miżmuma f'kustodja minn fornitur ta' servizzi ta' kriptoassi jew minn istituzzjoni ta' kreditu sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' negozju wara l-ħruġ tat-tokens ta' flus elettroniċi sinifikanti.
4. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jeżerċitax il-ħila, il-kura u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla, fil-ħatra u fir-rieżami tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi maħturin bħala kustodji tal-assi ta' riżerva.
5. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jiżgurax li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi maħturin bħala kustodji tal-assi ta' riżerva jkollhom l-għarfien espert u r-reputazzjoni tas-suq meħtieġa biex jaġixxu bħala kustodji ta' tali assi ta' riżerva.
6. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jkollux arranġamenti kuntrattwali mal-kustodji li jiżguraw li l-assi ta' riżerva miżmuma f'kustodja jkunu protetti kontra l-pretensjonijiet tal-kredituri tal-kustodji.
7. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jkollux politiki u proċeduri ta' kustodja li jistabbilxxu l-kriterji tal-ġhażla għall-ħatra ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi bħala kustodji tal-assi ta' riżerva u/jew il-proċedura biex jirrieżamina tali ħatriet.
8. L-emittent jikser l-Artikolu 33(3) jekk ma jirrieżaminax il-ħatra ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi bħala kustodji tal-assi ta' riżerva fuq bażi regolari, u/jew, jekk ma jevalwax l-iskoperturi tiegħu għal dawn il-kustodji, u/jew jekk ma jimmonitorjax il-kundizzjonijiet finanzjarji ta' dawn il-kustodji fuq bażi kontinwa.
9. L-emittent jikser l-Artikolu 33(4) meta l-assi ta' riżerva ma jkunux fdati lil istituzzjonijiet ta' kreditu jew lil fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikolu 33(4)(a) sa (d).

10. L-emittent jikser l-Artikolu 33(5) meta l-ħatra ta' kustodju ma tkunx ippruvata minn kuntratt bil-miktub, jew meta tali kuntratt ma jirregolax il-fluss ta' informazzjoni meqjusa neċċesarja biex tippermetti lill-emittenti u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jwettqu l-funzjonijiet tagħhom.
11. L-emittent jikser l-Artikolu 34(1) jekk jinvesti l-assi ta' riżerva fi kwalunkwe prodott li mhuwiex strument finanzjarju likwidu ħafna b'riskju minimu tas-suq u ta' kreditu jew meta tali investiment ma jkunx jista' jiġi likwidat rapidament b'effett minimu fuq il-prezz.
12. L-emittent jikser l-Artikolu 34(2) jekk ma jżommx l-strumenti finanzjarji li fihom jinżammu l-assi ta' riżerva f'kustodja skont l-Artikolu 33.
13. L-emittent jikser l-Artikolu 34(3) jekk ma jġorrx il-profitti u t-telf kollha li jirriżultaw mill-investiment tal-assi ta' riżerva.
14. L-emittent jikser l-Artikolu 41(1) jekk ma jadottax, ma jimplimentax jew ma jżommx fis-seħħ politika tar-remunerazzjoni li tippromwovi ġestjoni tar-riskju soda u effettiva ta' tali emittenti u li ma toħloqx incenġivi biex jitnaqqsu l-standards tar-riskji.
15. L-emittent jikser l-Artikolu 41(2) jekk ma jiżgurax li t-tokens ta' flus elettroniċi sinifikanti tiegħu jkunu jistgħu jinżammu f'kustodja minn fornitori differenti ta' servizzi tal-kriptoassi awtorizzati għas-servizz imsemmi fl-Artikolu 3(1)(10), fuq bażi ġusta, rägonevoli u nondiskriminatorja.
16. L-emittent jikser l-Artikolu 41(3) jekk ma jistabbilixx, ma jżommx jew ma jimplimentax politika u proċeduri ta' ġestjoni tal-likwidità jew jekk ma jkollux politika u proċeduri li jiżguraw li l-assi ta' riżerva jkollhom profil ta' likwidità reżiljenti li jippermetti lill-emittent ikompli jopera b'mod normali, inkluż f'xenarji ta' stress ta' likwidità.
17. Ħlief jekk ikun ingħata permess li jżomm ammont aktar baxx ta' fondi proprii skont l-Artikolu 31(3), l-emittent jikser l-Artikolu 41(4) jekk ma jikkonformax mar-rekwiżit ta' fondi proprii l-ħin kollu.
18. L-emittent jikser l-Artikolu 31(2) meta l-fondi proprii tiegħu ma jkunux jikkonsistu mill-entrati u mill-strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwitā komuni msemmija fl-Artikoli 26 sa 30 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara t-tnaqqis sħiħ, skont l-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament, mingħajr l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet tal-livell limitu msemmija fl-Artikoli 46 u 48 ta' dak ir-Regolament.

19. L-emittent jikser l-Artikolu 31(3) jekk ma jikkonformax mal-fondi propriji meħtieġa mill-awtorità kompetenti, wara l-valutazzjoni li ssir skont dak l-Artikolu 31(3).
20. L-emittent jikser l-Artikolu 42(1) jekk ma jkollux stabbilit pjan li jkun xieraq biex jappoġġa stralè ordnat tal-attivitajiet tiegħu skont il-liġi nazzjonali applikabbi, jew jekk ma jkollux pjan li juri l-kapaċitā tal-emittent ta' tokens ta' flus elettroniċi sinifikanti li jwettaq stralè ordnat mingħajr ma jikkawża ħsara ekonomika indebita lid-detenturi ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti jew lill-istabbiltà tas-swieq tal-assi ta' riżerva.
21. L-emittent jikser l-Artikolu 42(2) jekk ma jkollux pjan li jinkludi arranġamenti, proċeduri jew sistemi kuntrattwali li jiżguraw li r-rikavati mill-bejgħ tal-assi ta' riżerva li jifdal jitħallsu lid-detenturi tat-tokens ta' flus elettroniċi sinifikanti.
22. L-emittent jikser l-Artikolu 42(2) jekk ma jirriežaminax jew ma jaġġornax il-pjan b'mod regolari.
23. Sakemm il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 77(2) ma jkunux issodisfati, l-emittent jikser l-Artikolu 77(1) jekk ma jinfurmax lill-pubbliku mill-aktar fis possibbli dwar informazzjoni privileġġata li tikkonċerna lil dak l-emittent, b'mod li jippermetti aċċess faċli u mifrux għal dik l-informazzjoni u l-valutazzjoni sħiħa, korretta u f'waqtha tagħha mill-pubbliku.